MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1033/2013

**Korporazzjoni EneMalta**

**vs**

**Borg Transportation Limited**

**(C – 9485)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu il-Korporazzjoni rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` intimata hi debitrici tal-Korporazzjoni rikorrenti fis-somma ta' mija tlieta u sittin elf u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€163,024.98), u l-imghaxijiet relattivi;

1.2 Illi l-imsemmi ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta konsenji ta' *fuels* moghtija mill-Korporazzjoni rikorrenti lis-socjeta` ntimata skont rendikont anness mal-istess rikors promotur, (ara fol 7);

1.3 Illi nonostante li nterpellata diversi drabi, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

1.4 Illi d-dejn *de quo* hu veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta` ntimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'iggib fir-rigward;

1.5 Illi ghalhekk il-Korporazzjoni rikorrenti qed titlob li l-procedura odjerna ghandha titmexxa bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6 Illi tghid ghalhekk is-socjeta` intimata, ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.6.1. Tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza kif provdut bl-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.6.2. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lill-Korporazzjoni rikorrenti is-somma ta' mija tlieta u sittin elf, u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€163,024.98), u l-imghaxijiet

relattivi, ghal konsenji ta’ *fuels* moghtija mill-Korporazzjoni rikorrenti lis-socjeta` ntimata;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-dokumenti esebiti;

3. Sodisfatta li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

4. Tirrileva li s-socjeta` intimata baqghet fi stat ta’ kontumacja;

5. Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

6. Illi hi sodisfatta li nonostante li s-socjeta` intimata inghatat l-opportunita` biex tissottometti s-sottomissjonijiet li jidhrilha xierqa ghal perjodu lilha koncess, din baqghet inadempjenti;

7. Illi sodisfatta li sad-data precedenti ghall-udjenza tal-lum meta l-kawza giet ukoll differita ghas-sentenza s-socjeta` intimata ghadha debitrici tal-Korporazzjoni rikorrenti fl-ammont indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

8. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta assodat li l-Korporazjoni rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi;

**DECIDE:**

9.0 Illi in vista tal-premess filwaqt li din il-qorti takkolji t-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti:

9.1 Tordna li l-procedura *de quo* tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq indikat;

9.2 Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-Korporazzjoni rikorrenti l-ammont ta' mija, tlieta u sittin elf u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€163,024.98), oltre l-imghaxijiet relattivi ghall-konsenja ta' *fuels* mill-Korporazzjoni rikorrenti lis-socjeta` intimata;

9.3 Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` intimata.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------